# L- Istaġuni

Matul is-sena hemm erba' staġuni. Dawn huma: ir-rebbiegħa, is-sajf il-ħarifa u x-xitwa. Dawn idumu tliet xhur. Kull staġun għandu s-sabiħ u l-ikrah tiegħu. Kulħadd gostih!

Ix-xitwa tibda fil-21 ta' Diċembru u tispiċċa fl-20 ta' Marzu. Jien inħobbha x-xitwa għax inħobb nisma' t-taqtir tax-xita jtektek mal-ħġieġ tat-tieqa. Fix-xitwa, it-temp jibda jiksaħ sew u jibda jonfoħ ir-riħ. Fix-xitwa jibdew ukoll il-maltempati. Jien inħobb ix-xitwa għax fiha niċċelebraw il-Milied. Inħobb ukoll nitgeddes ġos-sodda waqt li nara film mal-familja.

Wara x-xitwa tiġi r-rebbiegħa. Dan huwa l-istaġun favorit tiegħi għax fih twieled ħija u wkoll għax matulu jkollna fjuri sbieħ. Fir-rebbiegħa l-ġranet jitwalu, l-arja tisħon u nibdew nilbsu ħwejjeġ ħfief.

L-iktar staġun li ma nħobbx huwa s-sajf għax dejjem is-sħana u nkunu għarqanin meta nilagħbu. Fis-sajf it-temperatura togħla u iktar tkun sħana. Xi wħud min-nies iħobbu jsiefru jew jmorru l-baħar. Fis-sajf ir-raġġi tax-xemx huma perikolużi jekk ma nagħmlux il-krema protettiva. Fis-sajf nieklu ħafna ikel frisk.

Fil-ħarifa tibda l-iskola, wara l-vaganzi twal tas-sajf. Il-jum jiqsar u jibda jdum ma jisbaħ. Fil-ħarifa nsibu l-pitirrossi. Fil-ħarifa nibdew nilbsu xi ġakketta ħafifa jew xi flokk bi kmiem twal. F'dan l-istaġun nibdew nippreparaw għax-xitwa.

L-istaġuni huma differenti għalhekk huma speċjali. Alla ħalaq pajjiżi differenti u l-istaġuni huma differenti wkoll. Hemm min jiċċelebra l-Milied fis-sħana u hemm min fil-kesħa. Hawn Malta l-Milied niċċelebrawh fil-kesħa. Grazzi Mulej tal-istaġuni sbieħ li tajtna!

Mariah Costa – 8 snin – Ir-Raba' Sena – L-Iskola Primarja tal-Imqabba